KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-30 ta' April 2024[1]

**Kawża C-650/22**

**Fédération internationale de football association (FIFA)**
**vs**
**BZ,**
**Intervenjenti:**
**Union Royale Belge des Sociétés de Football-Association ASBL (URBSFA),**
**SA Sporting du Pays de Charleroi,**
**Fédération Internationale des Footballeurs Professionnels,**
**Union Nationale des Footballeurs Professionnels,**
**Fédération Internationale des Footballeurs Professionnels, Division Europe**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju))

"Talba għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-ħaddiema — Projbizzjonijiet ta' ftehimiet — Ir-Regolamenti tal-FIFA dwar l-Istatus u t-Trasferiment ta' Plejers — Terminazzjoni bikrija ta' kuntratt konkluż bejn klabb u plejer — Regolamenti li jippenalizzaw lil klabb l-ieħor li jimpjega lill-plejer inkwistjoni — Projbizzjoni tal-ħruġ taċ-ċertifikat meħtieġ għat-trasferiment ta' dan il-plejer lil dan il-klabb l-ieħor"

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju), li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE, tressqet fi proċeduri bejn BZ, plejer tal-futbol, u l-Fédération internationale de football association (l-Assoċjazzjoni tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Futbol; FIFA) dwar id-dannu li l-plejer jallega li sofra minħabba ċerti regoli tal-FIFA li jirregolaw ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-plejers u l-klabbs.

2. Ir-regoli inkwistjoni jirrigwardaw il-kumpens, is-sanzjonijiet sportivi u l-ħruġ ta' ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment mandatorju, f'sitwazzjoni ta' allegata terminazzjoni ta' kuntratt mingħajr raġuni valida.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

3. F'dawn il-konklużjonijiet, jien ser neżamina jekk id-dispożizzjonijiet ikkontestati humiex preklużi mill-Artikoli 45 u 101 TFUE jew mill-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

## II. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi magħmula

### A. Il-partijiet fit-tilwima

4. BZ huwa ex plejer tal-futbol professjonali li jirrisjedi f'Pariġi (Franza).

5. SA Sporting du Pays de Charleroi huwa klabb tal-futbol Belġjan.

6. Il-FIFA hija assoċjazzjoni li ġiet stabbilita f'Pariġi fl-1904. Hija bbażata fi Zurich (l-Isvizzera) u hija rregolata mid-dritt Svizzeru. L-għanijiet tal-FIFA, deskritti fl-Artikolu 2 tal-Istatuti tal-FIFA huma, *inter alia*, "li toħloq regoli u dispożizzjonijiet li jirregolaw il-logħba tal-futbol u materji relatati u li tiżgura l-infurzar tagħhom" [2] u "biex tikkontrolla kull tip ta' assoċjazzjoni tal-futbol billi tieħu passi xierqa biex tipprevjeni l-ksur tal-Istatuti, tar-regoli jew tad-deċiżjonijiet tal-FIFA jew tal-Liġijiet tal-Logħba" [3]. Fost l-organi tagħha hemm il-"Kungress" bħala l-"organu suprem u leġiżlattiv" [4], il-"Kunsill" bħala l-"organu strateġiku u ta' sorveljanza" [5] u s-"segretarjat ġenerali" bħala l-"organu eżekuttiv, operazzjonali u amministrattiv" [6].

7. Skont l-Artikoli 11 u 14 tal-Istatuti tal-FIFA, kull "assoċjazzjoni li hija responsabbli li torganizza u tissorvelja l-futbol" f'pajjiż partikolari tista' ssir membru tal-FIFA sakemm, *inter alia*, hija tkun diġà membru ta' wieħed mis-sitt konfederazzjonijiet kontinentali rrikonoxxuti mill-FIFA u msemmija fl-Artikolu 22 tal-Istatuti tal-FIFA. Dawn jinkludu l-Union des associations européennes de football (l-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Futbol; UEFA). Tali assoċjazzjoni għandha l-ewwel timpenja ruħha li tikkonforma mal-istatuti, regoli, direttivi u deċiżjonijiet tal-FIFA, kif ukoll ma' dawk tal-konfederazzjoni kontinentali li tagħha l-assoċjazzjoni hija diġà membru. Fil-prattika, fil-preżent hemm iktar minn 200 assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li huma membri tal-FIFA. Bħala tali, huma obbligati skont l-Artikoli 14 u 15 tal-Istatuti tal-FIFA, *inter alia*, li "jiżguraw li l-membri tagħhom jikkonformaw mal-Istatuti tal-FIFA, mar-regoli, mad-direttivi u mad-deċiżjonijiet tal-korpi tal-FIFA" [7], u biex jiżguraw li dawn jiġu osservati minn kull min huwa involut fil-futbol, b'mod partikolari l-leagues professjonali, il-klabbs u l-plejers. Barra minn hekk, il-"klabbs, leagues jew kwalunkwe gruppi oħra affiljati ma' assoċjazzjoni membru għandhom ikunu suġġetti għal, u rrikonoxxuti minn din l-assoċjazzjoni membru" [8].

[2] Ara l-Artikolu 2(c) tal-Istatuti tal-FIFA.

[3] Ara l-Artikolu 2(d) tal-Istatuti tal-FIFA.

[4] Ara l-Artikolu 24(1) tal-Istatuti tal-FIFA.

[5] Ara l-Artikolu 24(2) tal-Istatuti tal-FIFA.

[6] Ara l-Artikolu 24(3) tal-Istatuti tal-FIFA.

[7] Ara l-Artikolu 14(1)(d) tal-Istatuti tal-FIFA.

[8] Ara l-Artikolu 20(1) tal-Istatuti tal-FIFA.

## B. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati

8. Fit-22 ta' Marzu 2014, il-FIFA adottat test intitolat "Regolamenti dwar l-Istatus u t-Trasferiment ta' Plejers" (iktar 'il quddiem ir-"RSTP"), li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu ta' dik is-sena. Dawn ir-regoli ħassru u ssostitwixxew sett ta' regolamenti preċedenti bl-istess titolu.

9. L-Artikolu 9.1 tar-RSTP huwa fformulat kif ġej:

"Plejers irreġistrati ma' assoċjazzjoni waħda jistgħu jkunu rreġistrati ma' assoċjazzjoni ġdida biss malli din tal-aħħar tkun irċeviet Ċertifikat Internazzjonali ta' Trasferiment (iktar 'il quddiem "ĊIT") mill-assoċjazzjoni preċedenti. Iċ-ĊIT għandu jinħareġ mingħajr ħlas, mingħajr kundizzjonijiet jew terminu. Kwalunkwe dispożizzjonijiet kuntrarja tkun nulla u bla effett. L-assoċjazzjoni li toħroġ iċ-ĊIT għandha tibgħat kopja lill-FIFA. Il-proċeduri amministrattivi għall-ħruġ ta' ĊIT jinsabu fl-Artikolu 8 tal-Anness 3 [...] ta' dawn ir-regolamenti".

10. L-Artikolu 8.2(7) tal-Anness 3 tar-RSTP jistipula li "l-ewwel assoċjazzjoni ma għandhiex tagħti ĊIT jekk tkun qamet tilwima kuntrattwali fuq xi waħda miċ-ċirkustanzi stipulati fl-Artikolu 8.2(4b) tal-Anness 3 bejn il-klabb preċedenti u l-plejer professjonali [...]".

11. L-Artikolu 8.2(4b) tal-Anness 3 tar-RSTP, minn naħa tiegħu, jipprovdi li "fi żmien sebat ijiem mid-data tat-talba għaċ-ĊIT, l-assoċjazzjoni preċedenti għandha [...] tiċħad it-talba għaċ-ĊIT u tindika [...] ir-raġuni għaċ-ċaħda, li tista' tkun jew li l-kuntratt bejn il-klabb preċedenti u l-plejer professjonali ma skadiex jew li ma kien hemm ebda ftehim reċiproku dwar it-terminazzjoni bikrija tiegħu".

12. Skont l-Artikolu 17 tar-RSTP:

"Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw meta kuntratt jiġi tterminat mingħajr raġuni valida:

1. F'kull każ, il-parti li tkun kiser il-kuntratt għandha tħallas kumpens. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 u tal-Anness 4 fir-rigward tal-kumpens għat-taħriġ, u sakemm mhux ipprovdut mod ieħor fil-kuntratt, il-kumpens għall-ksur għandu jiġi kkalkolat bil-kunsiderazzjoni dovuta għal-liġi tal-pajjiż ikkonċernat, għall-ispeċifiċità tal-isport, u għal kwalunkwe kriterju oġġettiv ieħor. Dawn il-kriterji għandhom jinkludu, b'mod partikolari, ir-remunerazzjoni u benefiċċji oħra dovuti lill-plejer taħt il-kuntratt eżistenti u/jew taħt il-kuntratt il-ġdid, iż-żmien li fadal taħt il-kuntratt eżistenti sa massimu ta' ħames snin, il-miżati u l-ispejjeż imħallsa jew sostnuti mill-klabb preċedenti (amortizzati fuq tul il-kuntratt) u jekk il-ksur kuntrattwali jaqax f'perijodu protett.

2. Id-dritt għal kumpens ma jistax jiġi assenjat lil terza persuna. Jekk plejer professjonali jkun meħtieġ iħallas kumpens, il-plejer professjonali u l-klabb il-ġdid tiegħu jkunu responsabbli *in solidum* bejniethom għall-ħlas tiegħu. L-ammont jista' jiġi stipulat fil-kuntratt jew miftiehem bejn il-partijiet.

[...]

4. B'żieda mal-obbligu għall-ħlas tal-kumpens, għandhom jiġu imposti sanzjonijiet sportivi fuq kull klabb li jinstab li kiser il-kuntratt jew jinstab li qiegħed jinduċi ksur tal-kuntratt matul perijodu protett. Għandu jkun hemm preżunzjoni, sakemm ma jiġix stabbilit bil-kontra, li kull klabb li jiffirma plejer professjonali li jkun ittermina l-kuntratt tiegħu mingħajr raġuni valida,

ikun induċa lil dak il-plejer professjonali jwettaq ksur. Il-klabb għandu jkun ipprojbit milli jirreġistra plejers ġodda, kemm nazzjonalment kif ukoll internazzjonalment, għal żewġ perijodi ta' reġistrazzjoni sħaħ u konsekuttivi. Il-klabb għandu jkun jista' jirreġistra plejers ġodda, kemm nazzjonalment kif ukoll internazzjonalment, mal-perijodu ta' reġistrazzjoni sussegwenti biss wara li jkun skonta s-sanzjoni sportiva sħiħa. B'mod partikolari, huwa ma jkunx jista' juża l-eċċezzjoni u l-miżuri provviżorji stipulati fl-Artikolu 6(1) ta' dawn ir-regolamenti sabiex jirreġistra plejers fi stadju iktar bikri".

## C. Il-kawża prinċipali

13. BZ kien plejer professjonali bejn l-2004 u l-2019.

14. Fl-20 ta' Awwissu 2013, huwa ffirma kuntratt ta' erba' snin mal-klabb tal-futbol professjonali Russu Futbolny Klub Lokomotiv (iktar 'il quddiem "Lokomotiv Moscow").

15. Fit-22 ta' Awwissu 2014, Lokomotiv Moscow ittermina dan il-kuntratt u talab lill-Kamra għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim tal-FIFA (iktar 'il quddiem il-"KRT" għal ordni biex BZ iħallas kumpens ta' EUR 20 miljun, filwaqt li allega ksur u "terminazzjoni ta' kuntratt mingħajr raġuni valida" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-RSTP. Sussegwentement, BZ ippreżenta kontrotalba fejn talab il-ħlas mingħand Lokomotiv Moscow tal-pagi mhux imħallsa u kumpens ekwivalenti għall-ammont tar-remunerazzjoni li kienet tkun dovuta lilu taħt il-kuntratt li kieku dan baqa' għaddej sal-aħħar.

16. Sussegwentement, BZ beda jfittex klabb ġdid biex jimpjegah, li kien diffiċli. BZ isostni li dan kien minħabba r-riskju li l-klabb il-ġdid jinżamm responsabbli, *in solidum* ma' BZ stess, li jħallas il-kumpens li jinstab li jkun dovut lil Lokomotiv Moscow.

17. BZ jiddikjara li, minkejja l-interess minn diversi klabbs, l-unika offerta li huwa rċieva kienet dik mingħand Sporting du pays de Charleroi li, fid-19 ta' Frar 2015, bagħtlu offerta ta' impjieg li kien fiha żewġ kundizzjonijiet sospensivi kumulattivi: (1) li huwa jkun irreġistrat u eliġibbli, skont ir-regoli applikabbli u mhux iktar tard mit-30 ta' Marzu 2015, biex jilgħab mal-ewwel tim ta' Sporting du Pays de Charleroi fi kwalunkwe kompetizzjoni uffiċjali organizzata mill-Union Royale Belge des Sociétés de Football-Association ASBL (l-Assoċjazzjoni Irjali Belġjana tal-Futbol; iktar 'il quddiem l-"URBSFA"), mill-UEFA jew mill-FIFA; u (2) li (sal-istess data) huwa jkun kiseb konferma bil-miktub u mingħajr kundizzjonijiet li Sporting du Pays de Charleroi ma tistax tinżamm responsabbli *in solidum* għal kwalunkwe kumpens (b'mod partikolari, kumpens għat-terminazzjoni tal-kuntratt) li BZ jista' jinżamm responsabbli jħallas lil Lokomotiv Moscow.

18. Permezz ta' ittri tal-20 ta' Frar u tal-5 ta' Marzu 2015, il-konsulenti rispettivi ta' BZ u ta' Sporting du Pays de Charleroi talbu konferma kemm mill-FIFA kif ukoll mill-URBSFA li BZ seta' jiġi rreġistrat u jkun eliġibbli, skont ir-regoli applikabbli, biex jilgħab għall-ewwel tim ta' Sporting du Pays de Charleroi u li l-Artikolu 17.2 u .4 tar-RSTP ma kinux ser jiġu infurzati kontrih.

19. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Frar 2015, il-FIFA wieġbet li kien biss l-organu kompetenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet, u mhux l-organu amministrattiv tagħha, li kellu s-setgħa japplika d-dispożizzjonijiet tar-RSTP. Min-naħa tagħha, l-URBSFA indikat, fis-6 ta' Marzu 2015 li, taħt ir-regoli tal-FIFA, BZ ma setax ikun irreġistrat qabel ma l-klabb preċedenti tiegħu joħroġlu ĊIT.

20. Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Mejju 2015, il-KRT laqgħet parzjalment it-talba ta' Lokomotiv Moscow, iffissat l-ammont ta' kumpens pagabbli minn BZ fis-somma ta' EUR 10.5 miljun u ċaħdet it-talbiet ta' BZ. Il-KRT iddeċidiet ukoll li l-Artikolu 17.2 tar-RSTP ma jkunx applikabbli għal BZ fil-futur. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata fl-appell mill-Court of Arbitration for Sport (CAS) (it-Tribunal ta' Arbitraġġ għall-Isport (CAS), fis-27 ta' Mejju 2016.

21. Fl-24 ta' Lulju 2015, BZ ikkonkluda kuntratt ta' impjieg mal-klabb Olympique de Marseille (Franza).

22. Fid-9 ta' Diċembru 2015, BZ beda proċeduri kontra l-FIFA u l-URBSFA quddiem it-tribunal de commerce du Hainaut, division de Charleroi (il-Qorti Kummerċjali ta' Hainaut, Diviżjoni ta' Charleroi, il-Belġju), fejn talab kumpens għad-danni, jiġifieri telf ta' qligħ ta' EUR 6 miljuni, li huwa jsostni li sofra minħabba l-applikazzjoni li huma għamlu tad-dispożizzjonijiet ikkontestata, li huwa jikkunsidra li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

23. Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Jannar 2017, dik il-qorti ddeċidiet li t-talba ta' BZ kienet bħala prinċipju fondata u ordnat lil FIFA u lill-URBSFA jħallsu s-somma provviżorja ta' EUR 60 001.

24. Il-FIFA appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju. Wara li intervjeniet fil-proċeduri, l-URBSFA talbet ukoll biex is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2017 tiġi rriformata.

## D. Id-domanda magħmula

25. Huwa f'dan l-isfond li, b'digriet tad-19 ta' Settembru 2022, irċevut fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 45 u 101 tat-Trattat FUE għandhom ikunu interpretati fis-sens li jipprojbixxu:

– il-prinċipju li l-plejer u l-klabb li jixtieq jimpjegah huma responsabbli *in solidum* bejniethom għall-ħlas tal-kumpens dovut lill-klabb li l-kuntratt mal-plejer inkwistjoni ġie tterminat mingħajr raġuni valida, kif stabbilit fl-Artikolu 17.2 tar-Regolamenti dwar l-Istatus u t-Trasferiment tal-Plejers (iktar 'il quddiem ir-'RSTP') tal-FIFA, flimkien mas-sanzjonijiet sportivi previsti fl-Artikolu 17.4 tal-istess regolamenti u mas-sanzjonijiet finanzjarji previsti fl-Artikoli 17.1;

– il-possibbiltà għall-federazzjoni li minnha jiddependi l-klabb preċedenti tal-plejer li ma toħroġx iċ-[ĊIT], li huwa neċessarju sabiex il-plejer jimpjega ruħu ma' klabb ġdid, jekk tkun teżisti tilwima bejn dan il-klabb preċedenti u l-plejer (l-Artikolu 9.1 tar-RSTP tal-FIFA u l-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 tal-imsemmija RSTP)?"

26. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-FIFA, minn BZ, minn URBSFA, mill-Fédération Internationale des Footballeurs Professionnels (il-Federazzjoni Internazzjonali ta' Plejers Professjonali tal-Futbol; iktar 'il quddiem il-"FIFPro")[9], mill-Fédération Internationale des Footballeurs Professionnels, Division Europe; (il-Federazzjoni Internazzjonali ta' Plejers

[9] FIFPro, FIFPro Europe u UNFP huma assoċjazzjonijiet jew "sindakati" li jirrappreżentaw lill-plejers tal-futbol professjonali fuq livell dinji, Ewropew u Franċiż. Dawn l-assoċjazzjonijiet ippreżentaw rikors biex jintervjenu volontarjament fil-kawża prinċipali wara d-deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-qorti tar-rinviju indikat lill-Qorti tal-Ġustizzja li t-tliet assoċjazzjonijiet li ressqu din it-talba għal intervent għandhom jitqiesu bħala partijiet fil-proċeduri taħt ir-regoli nazzjonali applikabbli għalihom. Konsegwentement, huma jistgħu jipparteċipaw fil-fażi bil-miktub u orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Professjonali tal-Futbol, Diviżjoni Ewropa, iktar ’il quddiem il-“FIFPro Europe”), mill-Union Nationale des Footballeurs Professionnels (l-Unjoni Nazzjonali ta’ Plejers Professjonali tal-Futbol, iktar ’il quddiem il-“UNFP”), mill-Gvern Grieg, Franċiż, Taljan u Ungeriż u mill-Kummissjoni Ewropea. FIFA, BZ, l-URBSFA, FIFPro, FIFPro Europe, UNFP, il-Gvern Grieg u l-Kummissjoni pparteċipaw fis-seduta, li nżammet fit-18 ta’ Jannar 2024.

## III. L-evalwazzjoni

### A. L-ammissibbiltà

27. Il-FIFA u l-URBSFA jallegaw nuqqas ta’ preċiżjoni suffiċjenti fid-digriet tar-rinviju u jargumentaw li t-tilwima fil-kawża prinċipali għandha tinftiehem bħala li hija ta’ natura “purament interna”, bir-riżultat li l-każ preżenti għandu jitqies bħala inammissibbli. Il-Gvern Grieg, Franċiż u Ungeriż għandhom dubji simili dwar l-ammissibbiltà tal-kawża.

28. Jien ma nistax naqbel ma’ dan l-argument. Il-kwistjonijiet legali jirriżultaw perfettament ċari mid-digriet tar-rinviju. Il-partijiet ikkonċernati kollha fehmu kompletament it-tifsira u l-kuntest tad-domanda magħmula u l-kuntest fattwali u regolatorju li fih qamet, kif ukoll il-fatt li t-tilwima kellha dimensjoni transkonfinali inkwantu l-plejer tal-futbol, li kien ta’ nazzjonalità Franċiża u ddomiċiljat fi Franza, allega li huwa kien ġie prekluż, għall-iskopijiet tal-professjoni tiegħu, milli jiċċaqlaq lejn il-Belġju [10].

### B. Is-sustanza

29. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikoli 45 u 101 TFUE jipprekludux l-applikazzjoni tar-regoli, kif adottati mill-FIFA, li jistabbilixxu li: (1) plejer u klabb li jkun jixtieq jimpjegah huma responsabbli *in solidum* bejniethom fir-rigward tal-kumpens dovut lill-klabb li l-kuntratt tiegħu mal-plejer ikun ġie tterminat mingħajr raġuni valida; u (2) assoċjazzjoni li minnha jiddependi l-klabb preċedenti tal-plejer għandha l-possibbiltà li ma toħroġx iċ-ĊIT meħtieġ jekk il-plejer ikun ser jiġi impjegat ma’ klabb ġdid, fejn ikun hemm tilwima bejn il-klabb preċedenti u l-plejer.

#### *1. Ir-rimarki metodoloġiċi*

30. Għandu jitfakkar li reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja tat żewġ *arrêts de principe* li jikkonċernaw regoli adottati minn entitajiet privati responsabbli għall-organizzazzjoni u għall-kontroll tal-futbol fil-livell dinji, Ewropew u nazzjonali [11]. Dan jimplika li għadu kif sar sforz

[10] Għaldaqstant, peress li l-fatti ta’ dan il-każ ma humiex purament interni għal xi Stat Membru, ma hemmx bżonn li jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet imsemmija fis-sentenza tal-15 ta’ Novembru 2016, Ullens de Schooten (C-268/15, EU:C:2016:874, punt 50).

[11] Ara s-sentenzi tal-21 ta’ Diċembru 2023, European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2023:1011, u tal-21 ta’ Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club (C-680/21, EU:C:2023:1010, iktar ’il quddiem is-“sentenza Royal Antwerp Football Club”). Barra minn hekk, fl-istess ġurnata l-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza fejn eżaminat regoli introdotti minn assoċjazzjoni internazzjonali tal-isports fil-qasam tal-pattinaġġ: ara s-sentenza tal-21 ta’ Diċembru 2023, International Skating Union vs Il-Kummissjoni (C-124/21 P, EU:C:2023:1012).

konsiderevoli biex issir sinteżi u jingħata sunt tal-ġurisprudenza preċedenti. Għaldaqstant, peress li dawn il-konklużjonijiet jistgħu jibnu fuq dawn is-sentenzi reċenti, dawn il-konklużjonijiet ser jiffokaw primarjament fuq il-partikolaritajiet ta' dan il-każ [12].

31. Il-Qorti tal-Ġustizzja tistħarreġ regoli bħalma huma d-dispożizzjonijiet ikkontestati kemm mill-perspettiva tar-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll minn dik tad-dispożizzjonijiet tas-suq intern [13]. Għaldaqstant, l-Artikoli 101 u 45 TFUE huma, bħala prinċipju, applikabbli għal dan il-każ. Dan huwa approċċ pragmatiku li jista', madankollu, iwassal għal sitwazzjonijiet potenzjalment delikati, kif ser nipprova nuri fil-qosor.

32. Fil-loġika tat-Trattati, kemm il-libertajiet fundamentali kif ukoll ir-regoli tal-kompetizzjoni jservu l-għan li jipprovdu għal suq intern funzjonali [14] F'dan ir-rigward, il-Protokoll (Nru 27) dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni jiċċara espressament li s-suq intern kif stabbilit fl-Artikolu 3 TUE jinkludi sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tiġix distorta [15]. It-tifsira inizjali tat-Trattati kienet li l-libertajiet fundamentali kienu diretti lejn l-*Istati* Membri bħala entitajiet pubbliċi, filwaqt li r-regoli dwar il-kompetizzjoni kellhom jorbtu lill-impriżi privati.

33. Matul is-snin, madankollu, din is-separazzjoni saret imċajpra. Spiss ikun diffiċli li wieħed jiċħad li xi entitajiet privati jaġixxu b'mod qrib dak ta' Stat, jew minħabba l-poter ekonomiku tagħhom jew minħabba l-mod li bih jippromulgaw ir-"regoli", filwaqt li hemm sitwazzjonijiet oħra li fihom l-atti tal-Istat ikunu iktar simili għal dawk ta' kumpannija privata. Għaldaqstant, matul is-snin, il-Qorti tal-Ġustizzja (kellha) żżomm il-pass ma' dawn l-iżviluppi u l-ġurisprudenza evolviet: minn naħa, f'ċerti sitwazzjonijiet xi wħud mil-libertajiet tas-suq intern ġew applikati għall-entitajiet privati [16], filwaqt li min-naħa l-oħra, f'sitwazzjonijiet oħra, l-azzjonijiet tal-Istati Membri ġew meqjusa li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni [17]. Ikun barra mill-portata ta' dawn il-konklużjonijiet li nagħmel evalwazzjoni komprensiva u konklużiva ta' din il-kwistjoni.

34. B'żieda ma' dan, f'ċerti istanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-istess sett ta' fatti huma suġġetti kemm għal-libertajiet fundamentali kif ukoll għar-regoli tal-kompetizzjoni. Fi kliem ieħor, l-approċċ ma kienx għadu għażla binarja (jew ir-regoli tal-kompetizzjoni jew il-libertajiet fundamentali) imma wieħed parallel (jew: kumulattiv). Fid-dawl tar-raġunament inizjali tat-Trattati deskritt iktar 'il fuq, tista' tqum il-kwistjoni dwar liema raġunijiet wasslu sabiex

[12] Bħala eżempju, ser inqis li ħafna kwistjonijiet legali huma stabbiliti, bħalma huwa l-fatt li r-regoli adottati mill-entitajiet bħalma huma l-FIFA u l-URBSFA li, skont l-istatuti rispettivi tagħhom, għandhom l-istatus ta' assoċjazzjonijiet irregolati mid-dritt privat responsabbli għall-organizzazzjoni tal-futbol fuq livell dinji, Ewropew jew nazzjonali, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

[13] Nixtieq insemmi wkoll li l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tuża kemm ir-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll dawk relatati mas-suq intern b'mod parallel huwa relattivament fenomenu ġdid. Fil-fatt, fis-sentenza Bosman, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jiksru l-Artikolu 45 TFUE, użat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju u kkonstatat li ma "kienx neċessarju" li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' dak li llum huma l-Artikoli 101 u 102 TFUE. Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 138). Irrid insemmi wkoll li l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali f'dik il-kawża kienu jirrigwardaw kemm ir-regoli tal-kompetizzjoni u kif ukoll dawk relatati mas-suq intern, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz fil-kawża Bosman (C-415/93, EU:C:1995:293).

[14] Ara, fid-dettall, Müller-Graff, P.-C., „Die Verfassungsziele der Europäischen Union", punti 128 sa 136, f'Dauses, M. A., *Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts*, Vol. I, EL 59, C.H. Beck, Munich, 2023.

[15] Din l-affermazzjoni fir-rigward tad-dritt primarju (li minnu jifformaw parti integrali l-protokolli, ara l-Artikolu 51 TUE) kienet meħtieġa peress li l-Artikolu 3(1)(g) KE (li permezz tiegħu l-attivitajiet tal-Komunità jipprovdu għal "sistema li tiżgura li ma jkunx hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern") ma kienx għadu rifless fl-Artikoli 3 sa 6 TUE, li, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, issostitwixxew, essenzjalment, l-Artikolu 3(1) KE.

[16] Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1974, Walrave u Koch (36/74, EU:C:1974:140, punt 17).

[17] Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fuq il-bażi tal-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri ma setgħux iżommu fis-seħħ leġiżlazzjoni li tippermetti lill-impriżi jiksru d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni minħabba li tali leġiżlazzjoni ċċaħħad id-dritt tal-kompetizzjoni mill-effettività tiegħu. Ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 1987, van Vlaamse Reisbureaus (311/85, EU:C:1987:418, punt 10).

il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta dan l-approċċ. Ovvjament, filwaqt li tali applikazzjoni parallela tad-dispożizzjonijiet tista' twassal għas-sitwazzjoni mixtieqa li ebda regoli adottati minn entità bħalma hija l-FIFA ma jaħarbu mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, dan ma huwiex mingħajr diffikultajiet: x'jiġri meta, pereżempju, dispożizzjoni kkontestata tinstab li hija kompatibbli mal-Artikolu 101 TFUE, imma inkompatibbli mal-Artikolu 45 TFUE, jew viċiversa? Ir-risposta intuwittiva hija ċara: iż-żewġ settijiet ta' regoli (kompetizzjoni u libertajiet fundamentali) jridu jiġu evalwati indipendentement fuq il-merti tagħhom.

35. Ejja nieħdu, bħala eżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Royal Antwerp Football Club[18] u nimmaġinaw li meta tapplika l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju tasal f'sitwazzjoni fejn id-dispożizzjonijiet ikkontestati (1) għandhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE[19]u (2) jikkostitwixxu restrizzjoni taħt l-Artikolu 45 TFUE. Imbagħad, filwaqt li tkompli tapplika s-sentenza Royal Antwerp Football Club għall-każ li għandha quddiemha, il-qorti nazzjonali jkollha tikkonkludi li restrizzjoni minħabba l-għan (Artikolu 101 TFUE) hija pprojbita *per se*, u għalhekk tagħmilha impossibbli li din tiġi evalwata fid-dawl ta' għanijiet oħra skont il-ġurisprudenza[20] Wouters *et*[21]. Fl-istess ħin, il-qorti nazzjonali tista' teżamina ġustifikazzjonijiet possibbli taħt l-Artikolu 45 TFUE u anki tikkonstata li r-restrizzjonijiet huma ġġustifikati *in casu*. B'riżultat ta' dan, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jkunu inkompatibbli mal-Artikolu 101 TFUE, imma kompatibbli mal-Artikolu 45 TFUE.

36. Finalment, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-konsegwenzi legali marbutin mal-ksur tal-libertajiet fundamentali u dawk marbutin mal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jvarjaw fundamentalment: ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-FIFA kisret, pereżempju, l-Artikolu 45 TFUE, id-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jistgħux jiġu applikati fil-ġurisdizzjoni tal-FIFA sa fejn tikkonċerna s-suq intern tal-Unjoni. Madankollu, xorta waħda jrid ikun hemm element transkonfinali bejn l-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, malli jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 101 TFUE, d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jistgħux jiġu applikati, lanqas fi Stat Membru.

37. Irrispettivament, f'dawn il-konklużjonijiet ser inkun qiegħed insegwi l-istess approċċ li ħadet il-Qorti tal-Ġustizzja fl-*arrêts de principe* msemmija: ser neżamina kemm l-Artikolu 45 kif ukoll l-Artikolu 101 TFUE.

## *2. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati*

38. F'dan l-istadju, jidhirli li huwa utli li nerġa nesponi malajr id-dispożizzjonijiet ikkontestati.

39. Skont l-Artikolu 17.1, .2 u .4 tar-RSTP, il-plejer u l-klabb li jkun jixtieq jimpjegah huma responsabbli *in solidum* bejniethom fir-rigward tal-kumpens dovut lill-klabb li l-kuntratt tiegħu mal-plejer ikun ġie tterminat mingħajr raġuni valida. Barra minn hekk, sanzjonijiet sportivi u sanzjonijiet finanzjarji jiġu imposti kemm fuq il-plejer kif ukoll fuq il-klabb. Iktar 'il quddiem ser nirreferi għal dawn ir-regoli bħala r-"regoli dwar il-kumpens u s-sanzjonijiet".

[18] Li fiha kelli l-unur li nikteb il-konklużjonijiet, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 45 TFUE, u fejn kont kuntent nara li, fil-parti l-kbira tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet l-imsemmija konklużjonijiet tiegħi.

[19] Ara s-sentenza Royal Antwerp Football Club (punti 101 sa 111).

[20] Ara s-sentenza Royal Antwerp Football Club (punt 115). Ara wkoll is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 186), u tal-21 ta' Diċembru 2023, International Skating Union (C-124/21 P, EU:C:2023:1012, punt 113).

[21] Sentenza tad-19 ta' Frar 2002 (C-309/99, EU:C:2002:98).

40. Skont l-Artikolu 9.1 tar-RSTP u l-Artikolu 8.2(7) tal-Anness 3 tar-RSTP, l-assoċjazzjoni li minnha jiddependi l-klabb preċedenti ta' xi plejer hija intitolata li ma toħroġx iċ-ĊIT meħtieġ jekk il-plejer ikun ser jiġi impjegat ma' klabb ġdid, meta jkun hemm tilwima bejn il-klabb preċedenti u l-plejer.

### *3. Ir-restrizzjoni taħt l-Artikolu 45 TFUE*

41. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 45 TFUE jipprekludi kull miżura, irrispettivament minn jekk din tkunx ibbażata fuq in-nazzjonalità jew jekk tkunx applikabbli indipendentement min-nazzjonalità, li tista' tisfavorixxi liċ-ċittadini tal-Unjoni meta dawn ikunu jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom billi din il-miżura tipprekludihom jew tiddisswadihom milli jitilqu mill-Istat Membru ta' oriġini tagħhom [22].

42. Ftit jista' jkun hemm dubju dwar in-natura restrittiva tad-dispożizzjonijiet kollha kkontestati, kif jirriżulta speċjalment mill-fatt li ebda waħda mill-partijiet f'dawn il-proċeduri ma tipprova tikkontesta tali natura restrittiva.

43. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet li jipprovdu għar-responsabbiltà *in solidum* tal-klabb il-ġdid għall-ħlas tal-kumpens għall-ksur tal-kuntratt dovut mill-plejer professjonali lill-klabb preċedenti tiegħu f'każ ta' terminazzjoni prematura ta' kuntratt mingħajr raġuni valida huma tali li jiskoraġġixxu jew jiddiswadu lill-klabbs milli jimpjegaw lill-plejer minħabba l-biża' ta' riskju finanzjarju. L-istess japplika għas-sanzjoni sportiva li tikkonsisti fil-projbizzjoni kontra r-reġistrazzjoni ta' plejers ġodda fuq livell nazzjonali jew internazzjonali, għal żewġ perijodi ta' reġistrazzjoni sħaħ u konsekuttivi, kif ukoll għar-rifjut ta' ħruġ taċ-ĊIT. Dan jista' effettivament jipprekludi lill-plejer milli jeżerċita l-professjoni tiegħu ma' klabb li jinsab fi Stat Membru ieħor.

44. F'dan ir-rigward, huwa inutli li jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet ikkontestati jikkostitwixxux diskriminazzjoni indiretta kontra ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra jew jekk humiex sempliċiment ostakli għall-moviment liberu tal-persuni. Dak li jgħodd huwa li l-plejers huma effettivament preklużi milli jiċċaqilqu lejn klabbs fi Stati Membri oħra. Dan hu preċiżament dak li ġara f'dan il-każ: BZ, bħala ċittadin Franċiż u impjegat, xtaq jibda xogħol fil-Belġju, Stat li tiegħu ma huwiex ċittadin. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati effettivament ippreklużewh milli jkun jista' jagħmel dan.

### *4. Dwar l-Artikolu 101 TFUE*

45. Skont l-Artikolu 101(1) TFUE, l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jaffetwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern huma inkompatibbli mas-suq intern.

46. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati jikkostitwixxu deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet bejn impriżi, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE [23], li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens ta' din l-istess dispożizzjoni [24]. F'dan ir-rigward, nixtieq nenfasizza li l-fatt li d-dispożizzjonijiet

[22] Ara s-sentenza Royal Antwerp Football Club (punt 136 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2000, *Graf* (C-190/98, EU:C:2000:49, punt 18), u tal-10 ta' Ottubru 2019, *Krah* (C-703/17, EU:C:2019:850, punt 40).

[23] Ara, b'analoġija, is-sentenza Royal Antwerp Football Club (punt 81).

[24] Ara, b'analoġija, is-sentenza Royal Antwerp Football Club (punt 83).

ikkontestati jikkonċernaw dak li tipikament jitqies bħala d-dritt industrijali ma jbiddilx din il-konstatazzjoni. B'mod partikolari, dik li saret magħrufa bħala l-"eċċezzjoni *Albany*" ma tapplikax għal dan il-każ, għas-sempliċi raġuni li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jammontawx għal ftehimiet kollettivi bejn il-persuni li jimpjegaw u l-impjegati[25]. Pjuttost, kif ġustament enfasizza BZ, huwa minħabba l-assenza ta' tali ftehimiet li l-FIFA adottat ir-RSTP.

47. Issa ser neżamina jekk id-dispożizzjonijiet ikkontestati jammontawx għal aġir li għandu bħala għan jew effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern.

48. BZ u FIFPro jsostnu li l-Artikolu 101(1) TFEU għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li d-dispożizzjonijiet ikkontestati għandhom l-*għan*[26] li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE. L-Artikolu 17, l-Artikolu 9.1. u l-Artikolu 8.2(7) tal-Anness 3 tar-RSTP, fid-dawl tal-formulazzjoni tagħhom, tal-kuntest ekonomiku u legali tagħhom u tal-iskop oġġettiv tagħhom, għandhom l-għan speċifiku, u fi kwalunkwe każ, l-effett, kemm attwali kif ukoll potenzjali, li jimponu fuq l-"impriżi" kollha li, mill-perspettiva ekonomika, huma l-klabbs tal-futbol professjonali affiljati mal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol li huma membri tal-FIFA, sett ta' kundizzjonijiet li huma tant projbittivi u dissważivi, b'mod li jiżguraw is-servizzi ta' plejers ta' livell għoli li ma jkunux għadhom taħt kuntratt ma' klabb kompetitur iżda li l-kuntratt tagħhom ikun allegat li ġie tterminat mingħajr raġuni valida, li dawn il-kundizzjonijiet jitqiesu bħala li jillimitaw jew "jeskludu" b'mod eċċessiv, fid-dritt u fil-prattika, il-possibbiltà għal dawk il-klabbs li jikkompetu ma' xulxin b'dan il-mod. Tali restrizzjoni hija iktar u iktar sinjifikattiva inkwantu tirrigwarda element li, skont il-kummentarji legali u ekonomiċi, jikkostitwixxi wieħed mill-parametri prinċipali li permezz tiegħu l-klabbs jistgħu jikkompetu ma' xulxin, fid-dawl tal-fatt li r-reklutaġġ tal-plejers huwa marbut minnu nnifsu mal-organizzazzjoni u x-xandir tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs. Barra minn hekk, dawn ir-regoli jillimitaw, bl-istess mod u manjiera, il-possibbiltà għall-plejers innifishom li jikkompetu.

49. Għall-kuntrarju, il-FIFA u l-URBSFA jiċħdu li din hija restrizzjoni skont l-Artikolu 101(1) TFUE u jiffukaw fuq eventwali ġustifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati. Il-Gvern Grieg u Ungeriż jagħmlu analiżi simili. Il-Gvern Franċiż, essenzjalment, jibgħat lura d-domanda dwar ir-restrizzjoni minħabba l-għan jew l-effett, skont l-Artikolu 101(1) TFUE, lill-qorti tar-rinviju[27].

50. Il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett. Hija ssostni li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jistgħux jitqiesu bħala li għandhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni, fid-dawl tal-kontenut tagħhom, tal-kuntest ekonomiku u legali tagħhom u tal-iskopijiet tagħhom, inkwantu japplikaw biss f'każ ta' terminazzjoni ta' kuntratt mingħajr raġuni valida u għaldaqstant ma għandhomx effett fuq il-possibbiltà tal-klabbs li jikkompetu liberament billi jiffirmaw plejers kemm fi tmiem il-kuntratt li jorbothom mal-klabb

[25] Din l-eċċezzjoni tirreferi għat-tliet sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, mogħtija fl-istess ġurnata, li jirrigwardaw l-affiljazzjoni mandatorja mal-iskemi ta' pensjoni settorjali. Għaldaqstant, fis-sentenza Albany, kumpannija Olandiża kkontestat l-affiljazzjoni obbligatorja ma' fond tal-pensjoni supplimentari, fejn argumentat li tali rekwiżit kien jirrestrinġi l-kompetizzjoni u jikser dak li llum huwa l-Artikolu 101 TFUE minħabba li l-kumpanniji ma setgħux joffru pensjonijiet alternattivi biex jattiraw lill-impjegati. Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Settembru 1999, Albany (C-67/96, EU:C:1999:430, punt 59 *et seq.*), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li filwaqt li "[ċ]ertament, ċerti effetti li jirrestrinġu l-kompetizzjoni huma inerenti fil-ftehim kollettivi bejn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil min iħaddem u lill-ħaddiema", tali ftehim "minħabba l-iskop u n-natura tiegħu, ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu [101(1) TFUE]". Ara wkoll is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Brentjens' (C-115/97 sa C-117/97, EU:C:1999:434, punt 56 *et seq.*), u tal-21 ta' Settembru 1999, Drijvende Bokken (C-219/97, EU:C:1999:437, punt 46 *et seq.*).

[26] Jew, alternattivament, mill-inqas bħala l-*effett* tagħhom.

[27] Il-Gvern Taljan ma ħax pożizzjoni fuq din il-kwistjoni.

preċedenti tagħhom kif ukoll matul it-terminu ta' dak il-kuntratt, sakemm tali ffirmar ikun miftiehem minn kull min huwa kkonċernat u jikkonforma mad-diversi regoli *ratione temporis* u *ratione materiae* li jirregolaw ir-reġistrazzjoni tal-plejers.

### *a) Ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan (l-Artikolu 101(1) TFUE)*

51. Sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan jew l-effett, huwa xieraq li wieħed jibda billi jeżamina l-għan tal-aġir inkwistjoni. Fil-każ fejn, wara li jsir tali eżami, jirriżulta li dan l-aġir għandu għan antikompetittiv, ma jkunx neċessarju li jsir eżami tal-effett tiegħu fuq il-kompetizzjoni. Għaldaqstant huwa biss fil-każ fejn l-imsemmi aġir ma jitqiesx li għandu tali għan antikompetittiv li jkun neċessarju li, sussegwentement, isir l-eżami tal-effett tiegħu[28]. Sabiex jiġi ddeterminat, f'każ speċifiku, jekk ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma jinvolvux, min-natura tagħhom stess[29], grad suffiċjenti ta' noċività fil-konfront tal-kompetizzjoni tant li jkunu jistgħu jitqiesu li għandhom bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tagħha, huwa neċessarju li jiġi eżaminat, l-ewwel nett, il-kontenut tal-ftehim, tad-deċiżjoni jew tal-prattika inkwistjoni; it-tieni nett, il-kuntest ekonomiku u legali li minnu jiffurmaw parti u, it-tielet nett, l-għanijiet tagħhom[30].

52. L-effett konġunt tad-dispożizzjonijiet ikkontestati jwassal għax-xenarju li ġej: l-Artikolu 17 tar-RSTP jipprovdi li, malli plejer ikun ittermina l-kuntratt mingħajr raġuni valida, għandu jitħallas kumpens u jiskattaw sanzjonijiet sportivi ħarxa. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 8.2 tal-Anness 3 tar-RSTP, tali plejer ma jirċevix iċ-ĊIT li jippermetti li klabb ikun jista' jilagħbu.

53. Fi kliem ieħor, il-konsegwenzi għal plejer li jittermina kuntratt mingħajr raġuni valida tant huma drakonjani li huwa inversomili ħafna li plejer jagħżel din it-triq. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati huma mfassla b'tali mod li jkollhom effett ta' deterrent u jagħtu xokk lil kull plejer. L-istess japplika fir-rigward tal-klabbs potenzjalment interessati li jħajru lil plejers għal opportunitajiet ġodda meta dawn tal-aħħar ikunu għadhom f'kuntratt li għadu fis-seħħ. Il-"prezz" għal tali operazzjoni jkun għoli wisq.

54. Għaldaqstant, min-natura tagħhom stess[31], id-dispożizzjonijiet ikkontestati jillimitaw il-possibbiltà li l-plejers jibdlu l-klabbs u, min-naħa l-oħra, li l-klabbs (ġodda) jimpjegaw il-plejers, f'sitwazzjoni fejn plejer ikun ittermina l-kuntratt tiegħu mingħajr raġuni valida. Kif ġie rrikonoxxut espressament mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-reklutaġġ ta' plejers b'talent jikkostitwixxi "wieħed mill-parametri essenzjali tal-kompetizzjoni li jistgħu jipprattikaw il-klabbs tal-futbol professjonali"[32], b'mod li l-plejers huma l-iktar "fattur tal-produzzjoni"[33] importanti għall-klabbs.

55. B'dan il-mod, id-dispożizzjonijiet ikkontestati, billi jillimitaw il-kapaċità tal-klabbs li jirreklutaw il-plejers, jaffettwaw neċessarjament il-kompetizzjoni bejn il-klabbs fis-suq tal-akkwist tal-plejers professjonali.

28 Ara s-sentenza Royal Antwerp Football Club (punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Jiġifieri, "fiha nnifisha", ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni (C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 57).

30 Ara s-sentenza Royal Antwerp Football Club (punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Filwaqt li jien ovvjament konxju mill-fatt li fl-aħħar mill-aħħar hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet ikkontestati jiżvelawx, min-natura tagħhom stess, grad suffiċjenti ta' ħsara lill-kompetizzjoni li jistgħu jitqiesu bħala li għandhom bħala l-"għan" tagħhom ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni, nemmen li, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha, il-Qorti tal-Ġustizzja hija f'pożizzjoni, f'dan l-istadju, li tiggwida lill-qorti tar-rinviju.

32 Ara s-sentenza Royal Antwerp Football Club (punt 107).

33 Naqbel kompletament ma' dan it-terminu, użat minn FIFPro fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

56. Dawn l-elementi huma indikazzjonijiet qawwija li teżisti restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan. Ovvjament, jeżistu sitwazzjonijiet oħra fejn il-plejers jistgħu jibdlu l-klabbs u jiġu rreklutati. Madankollu, dan ma jfissirx, kif timplika l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, li ma hemmx restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan[34]. F'sitwazzjoni fejn kuntratt jiġi tterminat mingħajr raġuni valida, il-kompetizzjoni, taħt id-dispożizzjonijiet ikkontestati, hija ppjanata li tieqaf. Ma narax kif dan ma jistax jitqies li jammonta għal restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan.

### *b) Ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba r-riżultat (Artikolu 101(1) TFUE)*

57. Bħala konsegwenza tal-analiżi tiegħi, ma għadx hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet ikkontestati jinvolvux restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett tagħhom. B'dan premess, jidhirli li huwa ċar li d-dispożizzjonijiet ikkontestati għandhom, mill-inqas, bħala effett li jirrestrinġu l-kompetizzjoni. Matul is-seduta, ir-rappreżentant tal-FIFA spjega li kważi ma teżisti ebda istanza ta' terminazzjoni tal-kuntratt mingħajr raġuni valida, fatt li, fil-fehma tiegħi, huwa l-iktar prova ċara li d-dispożizzjonijiet ikkontestati għandhom l-effett "xokkanti" maħsub, kif deskritt iktar 'il fuq.

### *c) L-eżenzjoni (Artikolu 101(3) TFUE)*

58. Ir-rekwiżiti għal eżenzjoni possibbli taħt l-Artikolu 101(3) TFUE evidentement ma humiex, fil-fehma tiegħi, issodisfatti, u din hija r-raġuni għaliex dawn mhux ser jiġi eżaminati f'dawn il-konklużjonijiet[35].

### *d) Il-konklużjoni dwar l-Artikolu 101*

59. L-Artikolu 101(1) TFUE jipprekludi d-dispożizzjonijiet ikkontestati. Fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tiddeċiedi li hemm restrizzjoni tal-kompetizzjoni, mhux minħabba l-għan, imma minħabba l-effett, il-pass li jmiss ikun li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jiġu eżaminati fid-dawl ta' għanijiet oħra skont il-ġurisprudenza Wouters *et*[36] sabiex jiġi aċċertat jekk dawn humiex iġġustifikati minħabba li jfittxu li jilħqu għan leġittimu wieħed jew iktar fl-interess pubbliku li ma humiex *per se* antikompetittivi min-natura tagħhom[37]. F'dan ir-rigward, it-test, essenzjalment, ikun paragunabbli għat-test ta' ġustifikazzjoni taħt l-Artikolu 45 TFUE, li ser nikkunsidra issa.

[34] Min-naħa l-oħra, naqbel mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, minkejja li ma hijiex vinkolanti, li tinsab fil-"Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom", Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (ĠU 2002, C 374, p. 2), fejn jingħad li f'sitwazzjoni fejn il-klabbs professjonali sportivi fi Stat Membru jaqblu bejniethom biex ma jirreklutawx atleti mill-klabbs rispettivi tagħhom matul il-kuntratti tal-atleti ma' wieħed mill-klabbs sportivi, tali arranġament x'aktarx li jikser l-Artikolu 101 TFUE minħabba l-għan tiegħu, peress li jirrestrinġi l-kompetizzjoni bejn il-klabbs sportivi biex jirreklutaw lill-aħjar atleti fis-suq.

[35] F'dak li jirrigwarda l-erba' rekwiżiti kumulattivi li għandhom ikunu ssodisfatti f'dan il-kuntest, ara fid-dettall is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2023:1011, punti 189 sa 200).

[36] Sentenza tad-19 ta' Frar 2002 (C-309/99, EU:C:2002:98).

[37] Ara s-sentenza Royal Antwerp Football Club (punt 113 *et seq.*).

## 5. *Il-ġustifikazzjoni*

60. Restrizzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema ma tistax tkun iġġustifikata sakemm, fl-ewwel lok, ma taqdix waħda mir-raġunijiet ta' ġustifikazzjoni elenkati fl-Artikolu 45(3) TFUE[38] jew raġuni imperattiva ta' interess ġenerali[39] u sakemm, fit-tieni lok, ma tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jfisser li tkun adatta sabiex jiġi ggarantit, b'mod konsistenti u sistematiku, l-ilħuq tal-għan imfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq[40].

### *a) L-identifikazzjoni ta' raġuni imperattiva ta' interess pubbliku*

61. Il-FIFA u l-URBSFA jsostnu li d-dispożizzjonijiet ikkontestati huma intiżi li jżommu l-istabbilità kuntrattwali fis-settur tal-futbol professjonali u, b'mod iktar speċifiku, li jiżguraw l-osservanza tal-obbligi li jkunu daħlu għalihom kemm il-plejers kif ukoll il-klabbs.

62. Ma narax problema li naċċetta dawn ir-raġunijiet li ġew invokati bħala raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku, inkwantu ma jikkostitwixxux għanijiet ta' natura purament ekonomika[41]. Barra minn hekk, sa fejn l-istabbiltà kuntrattwali hija intiża li tikkontribwixxi għal ċertu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-klabbs, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet espressament l-għan li jinżamm bilanċ bejn il-klabbs billi jiġi ppreżervat ċertu livell ta' ugwaljanza u inċertezza fir-rigward tar-riżultati[42].

### *b) Il-proporzjonalità*

63. Imbagħad, id-dispożizzjonijiet ikkontestati għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jfisser li jridu jkunu adatti li jiżguraw, b'mod konsistenti u sistematiku, l-ilħuq tal-għanijiet imfittxija u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu. Huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tevalwa l-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet ikkontestati. F'dan ir-rigward, l-oneru tal-prova dwar il-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet ikkontestati jaqa' fuq il-FIFA.

#### *1) L-adattabbiltà*

64. B'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jidhru li x'aktarx jippromwovu l-istabbiltà kuntrattwali u għaldaqstant li jikkontribwixxu kemm għall-istabbiltà tal-kompożizzjoni tat-timijiet fil-kompetizzjonijiet sportivi kif ukoll għall-għan li jkun hemm ċerta bilanċ bejn

[38] Il-politika pubblika, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika.

[39] Matul is-snin, il-Qorti tal-Ġustizzja użat terminoloġija differenti biex tiddeskrivi r-raġunijiet ta' natura mhux ekonomika bħala raġunijiet ta' ġustifikazzjoni, li kienu ġew (jew qegħdin jiġu) żviluppati mill-ġurisprudenza. Ara Martucci, F., *Droit du marché intérieur de l'Union européenne*, Presses Universitaires de France, Pariġi, 2021, punt 261. Għall-konvenjenza, ser nirreferi għat-terminu "raġuni imperattiva ta' interess pubbliku" f'dawn il-konklużjonijiet.

[40] Ara, f'dan is-sens, essenzjalment, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 104); tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, EU:C:2010:143, punt 38); u tal-10 ta' Ottubru 2019, Krah (C-703/17, EU:C:2019:850, punt 55).

[41] Hija ġurisprudenza stabbilita li dawn l-għanijiet ma jistgħux jikkostitwixxu raġuni imperattiva ta' interess pubbliku ta' natura li tiġġustifika restrizzjoni għal libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat: ara, pereżempju, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2023, Prestige u Limousine (C-50/21, EU:C:2023:448, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[42] Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463, punt 106).

il-klabbs fil-kompetizzjonijiet sportivi billi jiġi ppreżervat livell ta' opportunitajiet indaqs. Hawnhekk, għandu jitfakkar li hemm ċertu partikolarità ta' sport, inkwantu l-klabbs tal-futbol jeħtieġu lill-avversarji biex is-sistema tiffunzjona [43].

65. L-obbligu tal-plejer u tal-klabb il-ġdid li jħallsu kumpens [44] għandu jinkoraġġixxi lill-plejers biex ma jitterminawx il-kuntratti tagħhom mingħajr raġuni valida u jiskoraġġixxi lill-klabbs milli jirreklutaw plejer li jkun ittermina l-kuntratt tiegħu b'mod prematur mingħajr raġuni valida. L-istess japplika għas-sanzjonijiet sportivi [45] kif ukoll għaċ-ĊIT [46], sa fejn in-nuqqas ta' ħruġ tiegħu jaggrava l-inkonvenjent tal-plejer billi joħloq ostaklu tekniku għar-reġistrazzjoni tiegħu ma' klabb ġdid li jappartjeni lil assoċjazzjoni oħra.

*2) In-neċessità*

66. Imbagħad, id-dispożizzjonijiet ikkontestati ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex l-għan tal-istabbiltà kuntrattwali jintlaħaq [47].

*i) Il-kumpens għall-ksur tal-kuntratt (l-Artikolu 17.1 tar-RSTP)*

67. Il-ħlas tal-kumpens għat-terminazzjoni ta' kuntratt mingħajr raġuni valida jista' jitqies li huwa raġonevolment neċessarju biex jilħaq l-għan tal-istabbiltà kuntrattwali. Madankollu, il-kalkolu ta' dan il-kumpens għandu jkun tali li l-ammont dovut mill-parti li lilha jiġi attribwit in-nuqqas ta' raġuni valida ma jkunx jaqbeż dak li jista' raġonevolment jitqies neċessarju biex jikkumpensa lill-parti l-oħra għad-dannu mġarrab b'riżultat tal-ksur tal-kuntratt u biex jiskoraġġixxi – f'dan il-każ lill-plejer – milli jittermina l-kuntratt mingħajr raġuni valida [48].

*ii) Ir-responsabbiltà* in solidum *(l-Artikolu 17.2 tar-RSTP) u sanzjonijiet sportivi (l-Artikolu 17.4 tar-RSTP)*

68. Filwaqt li, mill-perspettiva tal-FIFA, jista' jkun diffiċli li jsiru magħrufa r-raġunijiet li wasslu għat-terminazzjoni prematura tal-kuntratt tal-plejer professjonali mal-klabb preċedenti tiegħu, meta plejer jiġi rreklutat ma' klabb ieħor, il-fatt li l-klabb il-ġdid jinżamm sistematikament responsabbli jidhirli li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq l-għan leġittimu, f'sitwazzjoni fejn il-klabb il-ġdid ma kellu ebda rwol fit-terminazzjoni tal-kuntratt. Il-preżunzjoni li tinsab fl-Artikolu 17.4 tar-RSTP li l-klabb il-ġdid wassal lill-plejer iwettaq il-ksur tidher li hija drakonjana, peress li jien ma narax kif il-klabb il-ġdid jista' jipprova l-"innoċenza" tiegħu. Filwaqt li wieħed jista' jargumenta, kif jagħmlu l-FIFA u l-Kummissjoni, li huwa possibbli li wieħed jidderoga mill-applikazzjoni tal-Artikolu 17.2 tar-RSTP, fejn il-KRT għandha s-setgħa li

43 Ara, f'dan is-sens, Weatherill, S., "Is Sport 'Special'?", *EU Law Live*, 23.01.2024, https://eulawlive.com/competition-corner/op-ed-is-sport-special-by-stephen-weatherill/.

44 Artikolu 17.1 u .2 tar-RSTP.

45 Artikolu 17.4 tar-RSTP.

46 Artikolu 8.2(7) u l-Artikolu 8.2(4)(b) tal-Anness 3 tar-RSTP.

47 Nixtieq nirrepeti l-fehma tiegħi li ma narax għalfejn wieħed għandu jitbiegħed mill-ġurisprudenza standard sabiex il-FIFA tingħata diskrezzjoni iktar wiesgħa minn dak li normalment ikun il-każ. Ara, f'iktar dettall, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Royal Antwerp Football Club (C-680/21, EU:C:2023:188, punti 74 sa 78).

48 F'dan ir-rigward ninnota li, skont l-Artikolu 17.1 tar-RSTP, il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-kumpens jinkludu r-remunerazzjoni u l-benefiċċji l-oħra dovuti lill-plejer taħt il-kuntratt eżistenti u/jew il-kuntratt il-ġdid, iż-żmien li fadal fil-kuntratt eżistenti sa massimu ta' ħames snin, il-miżati u l-ispejjeż imħallsa jew sostnuti mill-klabb preċedenti (amortizzati fuq it-terminu tal-kuntratt) u jekk il-ksur kuntrattwali jaqax f'perijodu protett.

tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-responsabbiltà *in solidum*[49], jiena tal-fehma li l-għoti ta' tali diskrezzjoni lill-KRT ma jipprovdix iċ-ċertezza legali neċessarja għall-plejers u għall-klabbs, peress li kollox jistrieħ fuq il-vijabbiltà u l-ħeffa tal-proċedura, punt li jidher li huwa diffiċli li jiġi aċċertat.

*iii) Iċ-ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment (l-Artikolu 8.2(7) u l-Artikolu 8.2(4b) tal-Anness 3 tar-RSTP)*

69. Hawnhekk, l-Artikolu 8.2(7) tal-Anness 3 tar-RSTP iġorr ir-riskju ta' rifjut tal-ħruġ taċ-ĊIT, ibbażat fuq is-sempliċi allegazzjoni li l-plejer ma osservax it-termini tal-kuntratt tiegħu u li l-klabb kien sfurzat jittermina l-kuntratt minħabba l-allegat nuqqas tal-plejer li josserva l-obbligi kuntrattwali tiegħu. Għal darba oħra, wieħed jista' jargumenta li s-sistema tinkludi l-flessibbiltà neċessarja inkwantu, f'każ ta' tilwima bejn il-plejer u l-klabb preċedenti tiegħu, il-FIFA tista' tadotta miżuri provviżorji fuq talba tal-klabb il-ġdid u f'ċirkustanzi eċċezzjonali[50]. Għal darba oħra, madankollu, dawn l-elementi jidhru, fil-fehma tiegħi, li huma dgħajfa wisq biex iwasslu għall-konklużjoni li huma neċessarju biex tintlaħaq l-istabbiltà kuntrattwali.

## *c) Fuq l-Artikolu 15 tal-Karta*

70. Peress li l-Artikolu 15 tal-Karta ġie invokat minn xi partijiet, jidhirli xieraq li din id-dispożizzjoni tiġi eżaminata f'dawn il-konklużjonijiet.

*1) Il-kamp ta' applikazzjoni: l-Artikolu 51(1) tal-Karta*

71. Qabel ma ndur għall-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 15 tal-Karta, għandu l-ewwel jiġi ċċarat jekk, bħala prinċipju, dan l-artikolu *effettivament japplikax* fil-każ li għandha quddiemha l-qorti tar-rinviju. Fi kliem ieħor, meta tadotta test bħalma huma r-RTSP, il-FIFA hija marbuta bil-Karta, b'mod partikolari bl-Artikolu 15 tagħha?

72. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta hija "iva".

73. Skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni.

74. Il-FIFA ma hijiex *stricto sensu* Stat Membru li jimplimenta d-dritt tal-Unjoni,

75. Madankollu, kif spjegajt iktar 'il fuq, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, entitajiet privati bħal FIFA huma funzjonalment paragunabbli mhux ma' istituzzjoni tal-Unjoni, iżda ma' Stat Membru li jkun qiegħed jipprova jiġġustifika restrizzjoni għal libertà fundamentali[51]. Sa mis-sentenza Walrave u Koch[52], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet konsistentement li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat japplikaw għal entità bħalma hija l-FIFA. Tali entità hija ttrattata

[49] Kif jidher li kienet is-sitwazzjoni f'dan il-każ.

[50] Ara t-tieni sentenza tal-Artikolu 8.2(7) tal-Anness 3 tar-RSTP.

[51] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Royal Antwerp Football Club (C-680/21, EU:C:2023:188, punt 54). Għaldaqstant, qegħdin fil-qasam tal-integrazzjoni negattiva fejn entità tkun fi ħsiebha li tirrestrinġi libertà fundamentali sabiex tippromwovi politika oħra li hija tqis ta' importanza superjuri.

[52] Sentenza tat-12 ta' Diċembru 1974 (36/74, EU:C:1974:140, punt 17).

daqslikieku kienet Stat Membru li jixtieq jiġġustifika restrizzjoni għal libertà fundamentali (jew, skont il-każ, restrizzjoni tal-kompetizzjoni). Konsegwentement, huwa biss loġiku li, f'tali sitwazzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Karta għandhom japplikaw għaliha fis-sens li hija marbuta bihom. Fi kliem ieħor, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex problema tapplika l-Artikolu 45 TFUE orizzontalment għal entità bħalma hija l-FIFA, l-istess għandu japplika fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Karta [53].

76. Għal dak li jirrigwarda l-kliem "jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni", dawn ġew iċċarati fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Åkerberg Fransson [54], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq l-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta u ddeċidiet li l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet fundamentali ddefinit fil-kuntest tal-Unjoni jorbot biss lill-Istati Membri meta dawn jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni [55]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tiddeċiedi li, peress li d-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta għandhom jiġu rrispettati meta leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma jistax ikun hemm każ li jkun għalhekk jaqa' taħt id-dritt tal-Unjoni mingħajr ma jkunu applikabbli l-imsemmija drittijiet fundamentali. L-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni timplika l-applikabbiltà tad-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta [56].

77. Hija l-fehma tiegħi li tali "prinċipju mera" huwa kompletament konformi mar-raġunament tal-Artikolu 51 tal-Karta, li huwa dak li jiġi żgurat li, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jiġu osservati d-drittijiet tal-Karta.

78. Barra minn hekk, nixtieq infakkar il-ġurisprudenza stabbilita sew, kemm qabel [57] u kif ukoll wara [58] d-dħul fis-seħħ tal-Karta, fis-sens li, meta Stat Membru jinvoka raġuni ta' ġustifikazzjoni fil-kuntest ta' restrizzjoni ta' libertà fundamentali, dak l-Istat Membru għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni.

79. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ma narax għaliex f'din l-istanza partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Karta ma għandhomx jiġu applikati fis-sens li l-individwi jistgħu jinvokawhom kontra entità bħalma hija l-FIFA [59].

80. Fl-aħħar nett, nixtieq ngħaddi rimarka qasira oħra dwar il-metodoloġija. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, insostni li l-post xieraq biex jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet ikkontestati humiex kompatibbli mal-Karta huwa fl-analiżi tal-ġustifikazzjoni mressqa mill-FIFA u mill-URBSFA. F'dan ir-rigward, naqbel kompletament mal-fehma tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe li "meta l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tal-libertajiet ta' moviment, il-ksur allegat ta' dritt fundamentali żgurat mill-Karta ma jistax ikun eżaminat indipendentement mill-kwistjoni tal-ksur ta' dawn il-libertajiet" [60]. Biżżejjed

[53] Għal dak li jirrigwarda l-interazzjoni bejn l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 15 tal-Karta, din il-fehma jaqblu magħha Kühling, J., Drechsler, S., f'Pechstein, M., Nowak, C., Häde, U., (Edituri), *Frankfurter Kommentar zu EUV, GRC und AEUV*, Edizzjoni Nru 2., Vol. I, Mohr Siebeck, Tübingen, 2023, Art. 15 GRC, paragrafu 5.

[54] Sentenza tas-26 ta' Frar 201312 ta' Diċembru 1974, (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 20).

[55] Ara s-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 20).

[56] Ara s-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 21). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis (C-201/15, EU:C:2016:972, punt 62); tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija *(Użufrutt fuq art agrikola)* (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 63); u tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punt 85).

[57] Ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT (C-260/89, EU:C:1991:254, punt 43).

[58] Sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281, punt 35).

[59] Barra minn hekk, din il-fehma hija kondiviża mill-parti l-kbira tal-letteratura legali: ara, pereżempju, Kliesch, J., Der Status des Profifußballers im Europäischen Recht, Nomos, Baden-Baden, 2017, p. 151 sa 159.

[60] Ara l-konklużjonijiet għall-Kawżi magħquda SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2017:410, punt 142).

jingħad li dan huwa wkoll il-mod li bih jidhirli li pproċediet il-Qorti tal-Ġustizzja sal-llum: kwistjonijiet li jinvolvu d-drittijiet fundamentali f'każijiet li jirrigwardaw il-moviment liberu jiġu ttrattati taħt il-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni[61].

*2) Ir-rekwiżiti sostantivi tal-Artikolu 15 tal-Karta*

81. F'dan l-istadju nixtieq ngħid mill-ewwel li xejn fl-analiżi li jmiss dwar l-Artikolu 15(1) tal-Karta[62] ma huwa ser ikun sostanzjalment differenti mill-analiżi tal-Artikolu 45 TFUE.

82. L-ewwel, f'każ bħal dak preżenti, id-dritt ekonomiku suġġettiv (fundamentali u individwali) ipprovdut fl-Artikolu 45 TFUE[63] għandu jitqies bħala funzjonalment ekwivalenti għall-Artikolu 15 tal-Karta[64], u għaldaqstant, għall-fini ta' kompletezza, ser nillimita ruħi għall-kunsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il quddiem[65]. F'dan ir-rigward, għandi l-intenzjoni li nindika problemi potenzjali, li ser ikollhom jiġu solvuti, f'xi stadju, mill-Qorti tal-Ġustizzja.

83. L-ewwel nett, kif jirriżulta ċar mill-formulazzjoni tal-Artikolu 15(1) tal-Karta, dan jipprovdi d-dritt li persuna taħdem u twettaq xogħol jew professjoni[66]. Peress li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jikkonċernaw l-eżerċizzju tal-professjoni tal-plejers tal-futbol, dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 15(1) tal-Karta.

84. It-tieni nett, għal dak li jirrigwarda eventwali limitazzjoni għad-dritt li persuna teżerċita professjoni, l-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprovdi li kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet irrikonoxxuti mill-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.

85. Għandu l-ewwel jiġi eżaminat jekk ir-RSTP għandhomx jitqiesu bħala "liġi" fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta[67]. Hawnhekk, ir-risposta intuwittiva u, fil-fehma tiegħi, fl-aħħar mill-aħħar konvinċenti tkun li, fuq livell astratt, att bħalma huma r-RSTP jista' jikkostitwixxi "liġi", u r-raġunament hawnhekk huwa għal darba oħra simili għal dak taħt l-Artikolu 51(1) tal-Karta, espost iktar 'il fuq: ġaladarba att tal-FIFA jew tal-URBSFA jitqies li jaqa' taħt il-kamp ta'

[61] Ara s-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, punt 127 *et seq.*), u tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq art agrikola) (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 54 *et seq.*).

[62] Għall-kompletezza, għandu jiġi enfasizzat li – kif jidher ċar mill-ewwel mill-formulazzjoni stess tad-dispożizzjoni – l-Artikolu 15(2) tal-Karta ma għandu l-ebda kontenut normattiv tiegħu u fl-aħħar mill-aħħar huwa superfluwu, peress li jirrifletti essenzjalment il-libertajiet fundamentali li jinsabu fl-Artikoli 45, 49 u 56 TFUE. Dan huwa kkonfermat mill-ispjegazzjonijiet li jirrigwardaw l-Artikolu 15 tal-Karta (ĠU 2007, C 303, p. 17). Ara, f'dan is-sens ukoll, Kühling, J., Drechsler, S., f'Pechstein, M., Nowak, C., Häde, U., (Edituri), *Frankfurter Kommentar zu EUV, GRC und AEUV, op. cit.*, Art. 15 GRC, paragrafu 11, u Streinz, R., f'Streinz, R. (Editur), *EUV/AEUV Kommentar*, C.H. Beck, Munich, it-tielet edizzjoni, 2018, Art. 15 GR-Charta, paragrafu 14. Anki l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet konsistentement li l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 u 49 TFUE, ara s-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2013, Gardella (C-233/12, EU:C:2013:449, punt 39); tas-7 ta' April 2016, ONEm u M. (C-284/15, EU:C:2016:220, punt 33); u tat-8 ta' Lulju 2021, Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerija (C-166/20, EU:C:2021:554, punt 32).

[63] Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz fil-kawża Bosman (C-415/93, EU:C:1995:293, punt 203) fejn l-Artikolu 45 TFUE huwa deskritt bħala "dritt fundamentali li t-Trattat jagħti individwalment lil kull ħaddiem fl-[Unjoni]".

[64] Ara, fuq din il-kwistjoni, Mantouvalou, V., Frantziou, E., f'Peers, S., Hervey, T., Kenner, J., u Ward, A., (Edituri), *The EU Charter of Fundamental Rights: A Commentary*, Edizzjoni Nru 2, C.H. Beck, Hart, Nomos, 2021, Art. 15, paragrafu 15.04.

[65] Dan ma jeskludix li jista' jkun hemm istanzi fejn l-Artikolu 15 tal-Karta jkollu kontenut normattiv indipendenti minn dak tal-Artikolu 45 TFUE. Madankollu, f'sitwazzjoni bħalma hija dik tal-każ ineżami fejn il-miżura tirrestrinġi b'mod daqstant ċar il-moviment liberu, dan ma huwiex il-każ.

[66] Ara wkoll, għal dan il-għan, Jarass, H.D., *Charta der Grundrechte der Europäischen Union*, Edizzjoni Nru 4, C.H.Beck, Munich, 2021, Art. 15, paragrafu 8.

[67] Ara wkoll f'dan is-sens, Kliesch, J., *Der Status des Profifußballers im Europäischen Recht*, Nomos, Baden-Baden, 2017, p. 279.

applikazzjoni tal-Karta f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża preżenti, allura dan l-att għandu jitqies "liġi" fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Fi kliem ieħor, jiena nagħżel approċċ funzjonali f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tat-terminu "liġi" u nikkunsidra r-RSTP bħala "liġi sostantiva", peress li hija fformulata u intiża li tapplika b'mod astratt. Filwaqt li jien konxju mis-sinjifikat kostituzzjonali ta' tali konstatazzjoni, li jkun ċertament jistħoqqilha eżami fil-fond f'sitwazzjoni fejn, bħal f'dan il-każ, l-Artikolu 15 tal-Karta ma jkunx "ikkunsmat" mill-Artikolu 45 TFUE, nemmen li dan huwa konsegwenza tal-estensjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni għal entitajiet bħal-FIFA.

86. Imbagħad, ir-regoli inkwistjoni għandhom ikunu aċċessibbli b'mod adegwat u fformulati bi preċiżjoni suffiċjenti[68]. Jidhirli li dan huwa l-każ għal dak li jirrigwarda r-RSTP.

87. Finalment, għal dak li jirrigwarda t-test li jifdal tal-limitazzjoni (identifikazzjoni ta' raġuni ta' ġustifikazzjoni, proporzjonalità), peress li dan huwa funzjonalment ekwivalenti għal dak taħt l-Artikolu 45 TFUE, nista' nagħmel riferiment għall-kunsiderazzjonijiet korrispondenti magħmula iktar 'il fuq f'dawn il-konklużjonijiet.

## IV. Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju) bil-mod kif ġej:

(1) L-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi regoli li jkunu ġew adottati minn assoċjazzjoni responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol fuq livell dinji u implimentati kemm minn dik l-assoċjazzjoni kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet tal-futbol nazzjonali li huma membri tagħha, li jipprovdu li plejer u klabb li jkunu jixtiequ jimpjegah huma responsabbli *in solidum* bejniethom fir-rigward tal-kumpens dovut lill-klabb li l-kuntratt tiegħu mal-plejer ikun ġie tterminat mingħajr raġuni valida u li jipprovdu li assoċjazzjoni li minnha jiddependi l-klabb preċedenti tal-plejer hija intitolata li ma toħroġx iċ-ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment meħtieġ jekk il-plejer ikun ser jiġi impjegat ma' klabb ġdid, fejn ikun hemm tilwima bejn il-klabb preċedenti u l-plejer, jekk jiġi stabbilit, l-ewwel, li dawn id-deċiżjonijiet tal-assoċjazzjonijiet tal-impriżi huma kapaċi li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u, it-tieni, li huma għandhom bħala għan jew effett ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-klabbs tal-futbol professjonali, sakemm, fit-tieni xenarju minn dawn, jintwera, permezz ta' argumenti u provi konvinċenti, li dawn huma kemm iġġustifikati bit-tiftix ta' għan wieħed jew iktar li leġittimi kif ukoll strettament neċessarju biex dan il-għan jintlaħaq.

(2) L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi l-applikazzjoni tar-regoli li jkunu ġew adottati mill-assoċjazzjoni responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol fuq livell dinji u implimentati kemm minn dik l-assoċjazzjoni kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet tal-futbol nazzjonali li huma membri tagħha:

- li jipprovdu li plejer u klabb li jkunu jixtiequ jimpjegah huma responsabbli *in solidum* bejniethom fir-rigward tal-kumpens dovut lill-klabb li l-kuntratt tiegħu mal-plejer ikun ġie tterminat mingħajr raġuni valida, sakemm ma jkunx jista' jiġi pprovat li huwa ġenwinament possibbli, fi żmien raġonevoli, li dan il-prinċipju ma jiġix applikat meta jkun jista' jiġi

[68] Dwar dan ir-rekwiżit, ara QEDB, Sunday Times vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1979:0426JUD000653874, punt 49.

stabbilit li l-klabb il-ġdid ma kienx involut fit-terminazzjoni prematura u mhux iġġustifikata tal-kuntratt tal-plejer;

– li jipprovdu li assoċjazzjoni li minnha jiddependi l-klabb preċedenti tal-plejer hija intitolata li ma toħroġx iċ-ċertifikat internazzjonali ta’ trasferiment meħtieġ jekk il-plejer ikun ser jiġi impjegat ma’ klabb ġdid, fejn ikun hemm tilwima bejn il-klabb preċedenti u l-plejer, sakemm ma jkunx jista’ jiġi pprovat li jistgħu jittieħdu miżuri provviżorji li jkunu effettivi, ġenwini u mħaffa f’sitwazzjoni fejn kien hemm sempliċi allegazzjoni li l-plejer ma osservax it-termini tal-kuntratt tiegħu u li l-klabb kien sfurzat jittermina l-kuntratt minħabba l-allegat nuqqas tal-plejer li josserva l-obbligu kuntrattwali tiegħu.